IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

2 ta' April 2018
43/2018

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL APRIL 2018**

Il-Ħadd 1 ta' April 2018, fl-10:30 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa Stazzjonali tal-Għid il-Kbir tal-Mulej fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

L-Erbgħa 4 ta' April, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-pellegrinaġġ tradizzjonali ta' San Girgor, iż-Żejtun. Il-pellegrinaġġ jitlaq mill-Kappella ta' San Klement. Wara waqfa fil-Knisja Parrokkjali, il-pellegrinaġġ ikompli għall-Knisja ta' San Girgor fejn issir Quddiesa. Fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jikkonsagra s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta.

Il-Ħamis 5 ta' April, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa tal-festa ta' San Vinċenz Ferrer, fil-Conservatorio Vincenzo Bugeja, Santa Venera.

Is-Sibt 7 ta' April, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-Ordinazzjoni Presbiterali, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, li fiha żewġ djakni djoċesani u seba' reliġjuzi jiġu ordnati saċerdoti. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 8 ta' April, Festa tal-Ħniena Divina, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Katidral tal-Imdina, organizzata mill-Fondazzjoni Papa Ġwanni Pawlu II f'għeluq it-18-il anniversarju mit-twaqqif tal-festa tal-Ħniena Divina u l-40 anniversarju minn meta nħatar Papa il-Qaddis Ġwanni Pawlu II. Il-Quddiesa ser tixxandar fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta u fuq TVM 2. F'12:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta' ringrazzjament mal-impjegati tal-Isptar Mater Dei, fil-Kappella tal-istess sptar. Fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa tal-festa tal-Ħniena Divina, fis-Santwarju Ħniena Divina, San Pawl Tat-Tarġa.

L-Erbgħa 11 ta' April, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Charles Cini bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa San Publiju, il-Furjana.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Is-Sibt 14 ta’ April, fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa biex jagħlaq il-festival għaż-żgħażagħ ‘Encounter’, organizzat mill-Malta Catholic Youth Network (MCYN) fil-Park Nazzjonali, Ta’ Qali.

Il-Ħadd 15 ta’ April, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-festa ta' San Publiju, il-Furjana. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Ewkarist Zammit bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa San Bastjan, Ħal Qormi.

It-Tnejn 16 ta’ April, fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jirċievi l-wegħda taċ-ċelibat ta’ erba’ seminaristi li ser jiġu ordnati djakni, fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù.

Il-Ħadd 22 ta’ April, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-Ordinazzjoni Djakonali, fil-Katidral tal-Imdina, li fiha erba’ seminaristi jiġu ordnati djakni. Il-Quddiesa ser tixxandar ‘live’ fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f’Malta.

It-Tnejn 23 ta’ April, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa waqt il-Konferenza Ewropea tas-Sant’Infanzja, fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta.

It-Tlieta 24 ta’ April, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-uffiċini tal-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta, f’għeluq il-170 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

Il-Ħadd 29 ta’ April, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta’ Ħ’Attard fil-bidu tal-Viżta Pastorali f’din il-parroċċa. Qabel il-Quddiesa, Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Qrar. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Kan. Dun Karm Busuttil bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa San Lawrenz, il-Birgu.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**